MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Talba Numru. 332/2004

**Kevin u Antonia konjugi Caruana**

**Vs**

**Olvin Mangion**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta’ Frar 2001 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm922.70 (disa` mija tnejn u ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f’incident awtomobilistiku l-Iklin nhar is-27 ta’ Frar, 2002.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Peress illi fis-27 ta’ Frar, 2002, fi Triq it-Timu, Iklin, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura OLV 111, huwa habat mal-vettura JAJ 502 tal-atturi, li f’dak il-mument kienet qed tinstaq minn Mathew Caruana u b’rizultat tal-kollizzjoni, ikkawza danni fil-vettura tal-atturi, u ghall-liema kollizzjoni

huwa responsabbli unikament il-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Peress illi d-danni kkagunati mill-konvenut lill-atturi b’rizultat tal-imsemmi incident jammontaw ghal Lm922.70 (kwantu ghal 728.70c parts ai termini tal-anness Dok KC1, Lm75 labour, Lm60 spray, Lm35 windscreen u Lm24 *loss of use,* u dan ai termini tas-survey report hawn anness bhala Dok KC2) u nonostante li l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas, huwa baqa` inadempjenti.

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu li l-konvenut jigi ddikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu u li jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm922.70.

Bl-imghax m’illum u bl-ispejjez inkluzi tal-ittri legali tal-14 ta’ Gunju, 2002, tal-25 ta’ Gunju 2002, tat-22 ta’ Awissu 2002, tas-16 ta’ Gunju 2003, tat-3 ta’ Lulju 2003, tad-29 ta’ Awissu 2003 u tas-7 ta’ Novembru 2003 u dawk tal-ittra ufficjali presentati kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tieghu, kontra l-konvenut, li minn issa jibqa` ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikun michuda bl-ispejjez kontra taghhom, stante li l-incident stradali de quo ma sehhx b’tort tal-konvenut izda b’tort tas-sewwieq l-iehor Matthew Caruana, u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bla pregudizzju ghall-premess l-atturi jridu jaghmlu prova tad-danni rejalment subiti minnhom.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Jirrizulta li l-habta saret waqt li l-konvenut kien qed isuq b'lura, u l-vettura l-ohra similarment kienet qeghda gejja b'lura biex tohrog minn drive-in, pero` f'dak il-mument kienet wieqfa ex admissis il-konvenut kellu bzonn jigi b'lura xi mitt pied u kellu jghaddi tul il-faccata tad-dar minn fejn riedet tohrog il-vettura attrici.

Illi x-xufier tal-vettura attrici jallega li fil-mument tal-habta kien wieqaf bir-roti ta' wara fuq il-bankina. Ra li l-konvenut gej, paqpaqlu izda xorta dahal fih. Meta xehed fis-seduta tas-17 ta' Frar 2005 il-konvenut ammetta li induna bil-vettura l-ohra meta habat fiha. Ix-xufier irid joqghod attent meta jsuq frontalment, ahseb u ara meta jkun f'manuvra ta' riversjar. Wara ma jkunx vizibli, dipendenti biss fuq il-mirja. Dipendenti wkoll il-kobor tal-vettura ix-xufier irid jaqleb ghajnejh minn mirja ghal ohra.

Il-konvenut kellu mitt pied x'jigi b'lura – mhux distanza zghira. Ma kellux lil hadd minn jaralu. Il-vettura tkun in moviment waqt li jhares fuq naha; fuq in-naha l-ohra ma tkunx vizibli.

F'dak il-mument issir il-habta aktar u aktar jista jkun li l-vettura tisswevja xi ftit kien tikkontrolha. Manuvra ta' rivers trid issir ghal distanza qasira, u mhux dipendenti fuq il-mirja x-xufier irid idur biex jara vizwalment. Dana ma sarx mill-konvenut.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u ghalhekk qed jigu akkordati.

Jinghad ukoll li a tempo vergine, il-konvenut ammetta t-tort tant li ma gabx pulizija/warden biex issir l-iskizz.

Meta rcieva l-kont, huwa rvella u rega bdielu. Agir bhal dan mhux accettabli. Ir-responsabbilta mhux dipendenti fuq il-quantum tad-danni. B'dan il-mod id-drittijiet tal-attur setghu jigu menomati.

Jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-ecezzjoni tal-konvenuti jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lill-

atturi s-somma ta’ Lm922.20 (disa` mija tnejn u ghoxrin lira Maltin u ghoxrin centezmu) bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------